**368. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

Konċessjoni enfitewtika ta' Ariel House u art madwarha, tal-Kappara, San Ġwann, lill-Gvern tal-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi.

Billi l-Gvern tar-Repubbliká ta' Malta bi ħsiebu, jagħti b'konċessjoni enfitewtika lill-Gvern tal-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi, Ariel House u art madwarha, tal-Kappara, San Ġwann, kif deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li Ariel House u art madwarha, tal-Kappara, San Ġwann, kif deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija lill-Gvern tal-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

22.10.1981